***Kunsill Lokali Marsaskala***
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 61**

**It-Tnejn 8 ta' April 2024.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Schembri - Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Errol Cutajar – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Ryan Portelli- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**61.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm ittri t'apoloġija tal-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri, il-Kunsillier John B Camilleri, l-Kunsillier Ryan Portelli filwaqt li l-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud ikkomunikat permezz tat-telefon.

**61.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 60 li saret Nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu 2024:</u>***

**61.2.1** ***<u>Korrezzjoni tal-Minuti:</u>***

61.2.2 Is-Sindku talab sabiex paġna 3 paragrafu 60.2.2.4 ir-raba sentenza tinbidel u tinqara hekk kif ġej:

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li triq ġdida fi Triq il-Blajjiet li tagħti għal San Anard hi mkissra kollha.

61.2.3 Is-Sindku talab sabiex paġna 6 paragrafu 60.2.2.16 jinbidel u jinqara hekk kif ġej:

*Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 8 artiklu 59.3.14 fejn qal illi s-Sindku kellem is-Sur Zahra li huwa l-PA tal-Ministru Omar Farrugia u nfurmah illi kemm il-ħajt tas-sejjiegħ ta' Triq Diviza Kostali kif ukoll ta Triq il-Friefet ħdejn is-sub station ser isiru fil-bidu ta' Mejju min naħa tad-Diviżjoni tax-xogħolijiet.*

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif emendati bħala dokument korrett u ssekonda s-Sindku. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

- ***Intalbet sospenzjoni tar-regolamenti***

**61.8** **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 61:</u>**

**61.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ried jiċċara punt li kien qajjem waqt laqgħa preċedenti fejn il-Futsal kienu preżentaw invoice ta' €2000 u l-Kunsill kien qabel li għandhom jsiru erbgħa attivitajiet ta €500 il-waħda, huwa spjega illi fil-fatt il-Futsall diġa għamlu żewġ attivatijiet u għaldaqstant talab lil Kunsilliera sabiex jekk jaqblu japprovaw il-pagament ta' dawn iż-żewġ attivitajiet appena jippreżentaw l-invoice.

Kien hemm qbil dwar dan.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon issekondat. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

61.2.2 ***<u>Matters Arising tal- Laqgħa 60 li saret Nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu 2024:</u>***

61.2.2.1 Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 60.2.2.8 fejn qal li l-kumpanija Nestle għamlet arranġamenti mas-sid ta' ristorant biswit il-playingfield fejn talbu illi l-*agreement* tal-apparat jsir ma' sid ir-ristorant u mhux mal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalli li dan xorta ser jitwaħħal ġo art pubblika u għaldaqstant il-Kunsill jrid jara l-*ispecification* ta' dan l-apparat u jitniżżel fil-kuntratt illi tali *specifications* jridu jiġu approvati mill-Kunsill u minn kull aworita` mitluba mill-Kunsill.

Huwa ġab eżempju bid-domandi kollha li qed jitolbu l-BCA fir-rigward tal-gym equipment ta' Ġnien San Tumas u dawn irridu naderixxu mgħahom.

61.2.2.2 Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 60.2.2.9 fejn qal li l-modifikazzjoni fi Triq ix-Xatt faċċata *tas-summer nights* ħadmet għaliex ma telax l-ilma.

61.2.2.3 Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 60.2.2.12 fejn qal li reġgħet saret il-*junction box* quddiem l-entratura ta' Ġnien Sant'Anna.

61.2.2.4 Is-Sindku tkellem fuq paġna 7 paragrafu 60.3.2 fejn qal li għalkemm konna qedna li nistgħu nitolbu għar-rifużjoni tat-trasport għal San Girgor, fil-fatt kien hemm żewġ vannijiet u allura wieħed ser jitħallas mill-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

61.2.2.5 Is-Sindku tkellem fuq paġna 9 paragrafu 60.3.11 fejn qal li l-Easter hunt kienet suċċess u inġabret is-somma ta' €960 u s-Segretarju Eżekuttiv irrawandjagħom għal €1000 u ser jingħata għal kawża ġusta ta` Tiago.

61.2.2.6 Is-Sindku tkellem fuq paġna 9 paragrafu 60.3.14 fejn qal li ser jsir il-kuntratt mal-Epic u ser jgħatu donazzjoni ta €1500 talli jagħmlu promozzjoni fiż-żminijiet tas-sajf.

61.2.2.7 Is-Sindku tkellem fuq paġna 9 paragrafu 60.3.17 fejn qal li l-ġardinara Romina qalet li ordnat ix-xtili tal-ħwat ta' Triq ix-Xatt.

61.2.2.8 Il-Viċi Sindku tkellmet fuq paġna 6 paragrafu 60.2.2.17 fejn qalet li ġew approvati s-*surveys* tal-*dog friendly beach* u anke l-area ta' quddiem il-Beono's Triq id-Daħla ta San Tumas.

61.2.2.9 Il-Viċi Sindku tkellmet fuq paġna 8 paragrafu 60.3.4 fejn qalet li marret mal-Perit u ġiet identifikata l-area li ser issir is-*survey tat-traffic management* ta' Bella Vista.

61.2.2.10 Il-Viċi Sindku tkellmet fuq paġna 13 paragrafu 60.9.10 fejn qalet li ltaqet mal-Klabbs li għandhom tfal under 16 rigward it-transport fund u ser tiltaqa mas-Segretarju Eżekuttiv fuq l-implimentazzjoni tagħha.

61.3 **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

61.3.1 **<u>Container Bella Vista</u>**

Il-Viċi Sindku qalet li hemm *container* Bella Vista u qed jostakola it-triq u staqsiet jekk nistgħux inġibu konferma jekk dik iż-żona hijiex privata jew le.

Il-Kunsill qabel li niktbu lil Lands Departmanet dwar dan.

61.3.2 **<u>Metrosiders Triq ix-Xatt:</u>**

Il-Viċi Sindku staqsiet fiex waslu sabiex jinxtraw il-metrosiders għal Triq ix-Xatt.

Is-Sindku qal li mhux dawk il-pjanti ser isiru u ser jgħaddilha l-informazzjoni.

Il-Viċi Sindku talbet ukoll sabiex Romina tikkonferma illi l-ħamrija hija tajba.

61.3.3 **<u>Kuntratt Parks and Gardens:</u>**

Il-Viċi Sindku staqsiet fuq it-*tender tal-parks and gardens* fiex waslet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kellna l-appell pero` ġie pospost u qed nistennew ġurnata oħra għal appell.

61.3.4 **<u>Camera Bajja San Tumas:</u>**

Il-Viċi Sindku stqasiet jekk kelniex risposta fuq il-camera li qed tagħti fuq propjeta` privata fil-Bajja ta' San Tumas.

Is-Sindku wieġeb li ma għandiex.

**61.3.5** **<u>Notifiki fuq id-dgħajjes:</u>**

Il-Viċi Sindku talbet sabiex qabel ma jitwaħlu n-notifiki fuq d-dgħajjes bħal ma ġara fuq in-notifiki li twaħlu Sa Tumas għaliex kien hemm dgħajes li ser jniżluhom dalwaqt.

Is-Sindku wieġiba li din issir kull sena.

**61.3.6** **<u>Donazzjoni ta' siġra Awrekarja:</u>**

Il-Viċi Sindku qalet li hemm persuna tixtieq li tgħati bħala donazzjoni siġra u jieħu ħsieb li jħawwilha hu u hija issuġġerit sabiex titpoġġa minflokk il-palma mejta li fuq quddiem ic-central strip ta faċċata tat-Tiffany's.

Kien hemm qbil dwar dan.

**61.4** **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>**

Ma kienx hemm tweġibiet

**61.5** **<u>Rapporti:</u>**

Ma kienx hemm rapporti

**59.6** ***<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;</u>***

Ma kienx hemm items oħra

**61.7** ***<u>Korrispondenza:</u>***

**61.7.1** **<u>3rd Annual Art Exhibition il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju 2024 (35/0357/24/I)</u>**

Il-Kunsill qabel li issir din l-esibizzjoni

**61.7.2** **<u>Request for Permits Cultural Events (35/0797/24/I)</u>**

Il-Kunsill qal li peress din l-attivita qed tiġi proposta għas-sena 2025 jew anke 2026 ser tiġi diskussa iktar fil-futur.

**61.9** **<u>Mozzjonijiet:</u>**

**61.9.1** **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (168 – 20/3/24):</u>**

*"Jipproponi li wara diversi lmenti minn residenti fl-akwata ta' Triq Wistin Born k/m Triq l-Imriekeb li qed ikun hemm karozzi jsuqu b' veloċita qawwija, issir sleeping policeman*

*fit-tarf ta' Triq Patri Wistin Born qabel ddur ma Triq l-Imriekeb meta wieħed ikun ġej minn naha tal-iskola San Gwakkin. Kien hemm anke head on collisions."*

Kien hemm qbil unanimu

61.9.2 **Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Viċi Sindku – is-Sinjorina Jancie Falzon u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (169 – 5/4/24):**

*"Tipproponi li l-Kunsill Lokali jikkummissjoni survey fi triq Sant Anna sabiex jiġi ddeterminat l-istat ta' din it-triq u x-xogħol li għandu bżonn isir fuqha. Fl-istat li qegħda fih bħalissa din it-triq ewlenija ġewwa Marsaskala, inutli jibqa' jsirilha patching u aktar interventi temporanji. Is-survey għandu jgħaddi lil Infrastructure Malta hekk kif jitlesta sabiex din imbagħad tkun f'pożizzjoni li (i) tiddetermina x'għandu jkun l-intervent meħtieġ fuq din it-triq, u (ii) dan ix-xogħol jiżdied fl-iskeda ta' xogħlijiet li huma pjanati li jsiru f'Marsaskala."*

Il-Kunsill qabel dwar dan.

61.9.3 **Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Viċi Sindku – is-Sinjorina Jancie Falzon u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (170 – 5/4/24):**

*"Tipproponi li l-Kunsill Lokali jitlob aġġornament dwar l-sleeping policeman li dwarha saret talba biex issir fi Triq Sant Antnin, fl-area tal-kumpless ta' Inspire, u sleeping policemen oħra li huma fil-proċess li jsiru madwar Marsaskala. Jintalab aġġornament ukoll fuq it-traffic lights li jinsabu fl-istess żona fi Triq Sant Antnin li kellhom jitmexxew għal post aktar sikur kemm għas-sewwieqa u speċjalment għall-pedestrians."*

Il-Kunsill qabel li nibgħatu reminder fir-rigward tat-traffic lights ta Triq Sant'Antnin.

61.9.4 **Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Viċi Sindku – is-Sinjorina Jancie Falzon u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (171 – 5/4/24):**

*"Tipproponi li l-Kunsill Lokali jikteb lill-entitajiet ikkonċernati fil-Ministeru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika sabiex jitwaħħlu ammont ta' bins fil-bajjiet ta' Marsaskala, partikolarment il-Bajja ta' Żonqor, l-area tas-Siberja u l-Bajja ta' San Tumas, fost oħrajn. Issa li dieħel iż-żmien u qed joqrob l-istaġun tas-Sajf, jeħtieġ li ssir analiżi ta' kemm hemm bżonn minn dawn il-bins u x'tip għandhom ikunu sabiex iservu minn sena għall-oħra."*

Il-Kunsill qabel dwar dan.

61.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju 2024 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 8 ta' Marzu 2024.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| ______________ | ______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |